# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-Erbgha 24 ta' Novembru, 2021

Avviz tat-Talba numru: 239/2021

It-Tribunal;

**360 Retail Supplies Ltd C64900**

**VERSUS**

**Cheick Magassa**

[K.I. NRU. 23990P)

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-13 ta' Awwissu, 2021 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha ammont bhala danni rapprezentanti ksur ta' kuntratt t'impjieg li huwa kellu mas-socjeta attrici u dan wara li huwa applika ghal impjieg iehor ma' ST Microelectronics (Malta) Ltd. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kif ukoll l-imghax skond il-Ligi.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher personalment (jew tramite rapprezentant tieghu) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi il-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza taL-10 ta' Novembru, 2021, izda la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2021 gie registrat, bil-gurament ix-xhieda ta' Jonathan Sciberras bhala rapprezentant tas-socjeta attrici, fejn l-istess Jonathan Sciberras, iddikjara illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont intier ta' tlett elef Ewro,(EUR3,000) bhala danni, ghaliex l-konvenut kiser kondizzjoni tal-kuntratt ta'

impjieg meta mar jahdem ma' ST Microelectronics (Malta) Ltd. Minn dan l-ammont il-konvneut ma hallas ebda ammont.

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a)Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."*

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal- konvenut*,"

It-Tribunal ha konjizzjoni tal-kuntratt ta' impjieg ezebit a foll.4 et seq u b'mod partikolari klawsola numru 6 fejn jirrizulta illi l-impjegat kellu kondizzjoni li ma setax jmur jahdem ma' St Microelectronics (Malta) Ltd ghal sentejn wara li li l-impjieg tieghu jkun itterminat. Illi wara li semghet lil rapprezentant tas-socjeta attrici jiddikjara li d-danni kienu ta' €3000, jirrizulta li t-talba tas- socjetà attrici hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjetà attrici ma ghandux mis-sewwa.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjetà attrici huwa interament dovut mill-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjetà attrici s-somma ta' tlett elef, ewro (€3,000) bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata ta' din l-azzjoni sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, huma a kariku tal- konvenut salv ghall-ispejjez marbuta mal-mandat ta' sekwestru, stante li mill-atti ma jidhirx li gew ipprezentata ebda dokumenti relatati mal-istess mandat.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**